MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2010

Numru 935/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs.**

**Antonino Enrico Galvagno**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Antonino Enrico Galvagno, ta’ dsatax-il sena (19) imwieled Magenta l-Italja, nhar is-26 ta’ Mejju 1991, bin il-mejjet Luigi u Alexandra neè Ritchie, residenti 30, Flat 2, St. Jude, Triq il-Farinal, Mosta, detentur ta’ Karta ta’ l-Identità bin-Numru 322392(M), talli: (1) nhar it-8 ta’ Settembru 2010 ghall-habta ta’ 3:00a.m. fi Triq Zenqa, Naxxar, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioè kontra l-Kuntistabbli

PC 1514 Daniel Debattista u PC 507 Rhys Cassar waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi; (2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta’ natura hafifa fuq il-Kuntistabbli PC1514 Daniel Debattista, liema persuna hija inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz; (3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fl-uniformi tal-Pulizija a dannu tal-Gvern ta’ Malta liema hsara ma tiskorrix is-somma ta’ tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29); u aktar talli (4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;
Wara li semghet l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena u ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat kif ukoll il-fatt li l-istess imputat irrikonoxxa l-agir irresponsabbli tieghu u li ma huwiex recidiv;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 95(1), 96(a), 221(1), 222(1)(c), 325(1)(d) u 338(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena habs izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi, partikolarment fid-dawl ta’ l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u tal-fatt li irrikonoxxa l-agir irresponsabbli tieghu u li ma huwiex

recidiv, hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sena habs ghal sentejn b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In oltre a tenur ta' l-Art. 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), liema somma ghandha tithallas sa' mhux iktar tard minn gimgha mid-data ta' din is-sentenza, ossia sa' nhar il-Hamis 16 ta' Settembru 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------